**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 02/08(26_02_08).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar 2008, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier u s-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-21 ta' Frar 2008.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
6. Il-Proġett tal-*Playing Field*.
7. Rapport tas-Sindku.
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
9. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
10. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali rigward is-Seminar għal Jum il-Mara bl-isem ta' 'Orizzonti Ġodda għall-Mara Maltija' li ser isir fil-5 ta' Marzu 2008, fl-Universita' ta' Malta.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 6/2008 mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Użu tar-Riżorsi tal-Kunsilli Lokali'. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilli sabiex isir użu tajjeb mir-riżorsi kollha tal-Kunsill Lokali u ma jsir l-ebda użu minn xi assi tal-Kunsill għal skop ta' xogħol/propaganda konnessi ma' l-Elezzjoni, inkluż kull pubblikazzjoni jew komunikazzjoni maħruġa bil-fondi tal-Kunsill Lokali. Din it-twissija qed terġa' tintbagħat lill-Kunsilli Lokali kollha minħabba li l-Elezzjonijiet Lokali tat-8 ta' Marzu 2008 ser isiru flimkien ma' l-Elezzjoni Ġenerali u dan id-Dipartiment irċieva diversi rapporti dwar allegati abbużi li saru f' dawn iż-żminijiet.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jattendi għas-Seminar imniedi mill-Ministeru għat-Turiżmu bit-tema 'European Destination of Excellence 2008' fil-25 ta' Frar 2008. Wara l-Kunsill irċieva mingħand Ms Cynthia Misokova, EU Affairs, Policy Development & Project Implementation Directorate, Ministeru għat-Turiżmu kopja tal-preżentazzjoni li saret f' dan is-Seminar flimkien mad-dokument li jispiega l-kriterja sabiex il-Kunsill ikun jista' jidentifika l-inizjattivi ġusti eliġibbli għal proġett ta' din is-sena. Hija infurmat lill-Kunsill li għandu jiġi kkuntatjat sabiex isir *one-to-one meeting* fejn jiġi assistit waqt il-mili ta' l-applikazzjonijiet u rapporti.

2.04 Il-Kunsill irċieva Avviż mill-Kummissjoni Elettorali rigward 'Elezzjonijiet Ġenerali u għall-Kunsilli Lokali, 8 ta' Marzu 2008'. Il-persuni li għadhom ma rċevewx id-dokumenti għall-votazzjoni ġew infurmati kif għandhom jagħmlu flimkien mal-post, dati u ħinijiet sabiex jiġbru d-dokumenti għall-votazzjoni għax mingħajru ħadd ma jkun jista' jivvota.

2.05 Il-Kunsill irċieva permezz ta' *e-mail* mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fit-18 ta' Jannar 2008, sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Profs. Lino Briguglio, Direttur, Universita' ta' Malta – Gozo Centre rigward diversi korsijiet offruti mill-Ministeru għal Għawdex li ser isiru bejn it-3 ta' Marzu 2008 u l-aħħar ta' Ġunju 2008, fiċ-Ċentru tal-Universita' ta' Malta f' Għawdex. Huwa bagħat *poster* u talab sabiex jitwaħħal man-*notice board* u l-fuljetti jitpoġġew f' post fejn in-nies tal-lokal ikunu jistgħu jieħdu minnhom. Talab ukoll sabiex f' każ li min ikun interessat ma jkunx jaf jaqra, dan il-fuljett jiġi spiegat lilu.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Daniela Bartolo, Insite International Officer rigward 'Write an Article and Win a Trip to 3 EU Capitals Next Summer'. Il-Kunsill ingħata ftit informazzjoni rigward din il-kompetizzjoni u ġie mitlub jikkuntatjaha f' każ ta' bżonn ta' aktar informazzjoni. Hija talbet sabiex il-Kunsill iwassal din l-informazzjoni lir-residenti.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Lawrence Attard, Fondazzjoni Temi Zammit, rigward il-Konferenza Finali (WDCNET Conference) li ser issir fis-26 ta' Frar 2008, fil-Ministeru għal Għawdex. Huwa bagħat l-Aġenda ta' din il-Konferenza u talab lill-Kunsill sabiex jattendi.

2.09 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00216/08 – *To construct ground floor garage and overlying maisonette at first floor* fi Triq it-Tnax ta' Diċembru 1957, Munxar u Applikazzjoni Nru. 00450/08 – *To sanction minor changes to approved plans*, fi Sqaq Dun Mikiel Anġ. Spiteri, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.10 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00083/08 – *Proposed boundary wall* fi Triq il-Kalkara tal-Ġir, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Peter Mamo, Operations Manager, Estates Management Department, Taqsima Proprjeta' tal-Gvern rigward 'Expropriation of Private Property for Public Purposes'. Din l-ittra hija risposta għall-ittra li l-Kunsill kien bagħat fit-18 ta' Jannar 2008, u fiha l-Kunsill ingħata parir ta' x' jista' jsir f' din is-sitwazzjoni.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 2/2008 mingħand is-Sur James Catania, Assistent Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward programm ta' taħriġ għall-impjegati tal-Kunsilli Lokali bit-tema 'Improving Customer Relations'. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jinnomina impjegati sabiex jattendu għal dan it-taħriġ.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms Rosanne Fenech, Manager - Riżorsi Umani, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita' rigward 'Bdil fil-Formoli ta' l-Applikazzjonijiet għas-Servizzi Mogħtija mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita'. Hija spiegat il-proċedura li ħaddiem tal-Kunsill għandu jaddotta f' dan ir-rigward u bagħtet kopja oriġinali tal-formoli sabiex isiru kopji minn fuqhom.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 4/2008 mingħand is-Sur James Catania, Assistent Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-pubblikazzjoni 'L-Unjoni Ewropea Għalija – Kunsilli Lokali'. Huwa qed jitlob sabiex jiġi kkuntatjat minn Kunsilli li għamlu suċċessi fi programmi ta' l-Unjoni Ewropea bejn is-snin 2004 u 2006 sabiex jiġi diskuss kif xogħol il-Kunsill għandu jidħol f' din il-pubblikazzjoni.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Ruth DeBrincat, Project Officer, Foundation for International Studies f' isem il-Euro-Mediterranean Centre on Insular Coastal Dynamics (ICoD) fejn qed tistieden lill-Kunsill sabiex jattendi għal *one-day discussion workshop* rigward 'BARE Technique and it's Applications in Beach Management' li ser issir fit-18 ta' Frar 2008.

2.16 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA bagħtet lil sid ta' sit fix-Xlendi. Dan kien rigward sit fi Triq ir-Rabat minħabba żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti fi twaqqigħ ta' parti minn bini antik.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Chris Galea, Monitoring Officer, Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn talab lill-Kunsill sabiex jibgħatlu l-informazzjoni mitluba minnu rigward il-Kuntratt fuq 'Refuse Collection' li qiegħed fis-seħħ bħalissa.

2.18 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00022/08 – *To sanction differences, to carry out alterations and to use garage for selling ice cubes and related products* fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.19 Il-Kunsill irċieva Memo 5/2008 mingħand is-Sur Silvio Frendo, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'il-Kuntratti tal-Ġbir ta' l-Iskart mid-Djar'. Peress li l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali dwar il-ġbir ta' l-iskart qiegħda f' fażi avvanzata sew, il-Kunsilli li jkollhom il-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart ser jiskadi, qed jiġu mitluba sabiex jinfurmaw b' dan lil dan id-Dipartiment qabel ma joħorġu sejħa għall-offerti ġdida. Dan bil-għan li jingħataw gwida minn dan id-Dipartiment.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ps Josef Camilleri, Għassa tal-Pulizija, Victoria fejn stieden lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex kollha sabiex jattendu għal-laqgħa li ser issir ma' l-Ispettur J Mifsud u l-Ispettur F Tabone fil-21 ta' Frar 2008, fl-Għassa tal-Pulizija, Victoria.

2.21 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA l-formola PC - A 'Notice to Other Owners / Third Parties in Terms of Regulations 4(2) of L.N. 71 of 2007'. Din kienet rigward il-Pjazza tal-Knisja tal-Munxar. Il-Kunsill irrefera din il-formola lid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Deborah Pace, Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn talbet lill-Kunsill sabiex jibgħat l-aħħar 3 kopji tar-rivisti tal-Kunsill Lokali lil dan id-Dipartiment. Dan qed isir sabiex tingħata għajnuna lill-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti li qed jistħarreġ il-qagħda tal-kitba bil-malti fir-rivisti tal-Kunsilli Lokali bil-għan li wara joħroġ rapporti u jqassamhom biex kulħadd ikollu opportunita' jtejjeb ir-rivista tiegħu.

2.23 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Jesmond Bonello, Segretarju, Taqsima Entitajiet Pubbliċi, Union Ħaddiema Magħqudin stqarrija għall-Istampa u x-Xandir datata 18 ta' Frar 2008 bl-isem ta' 'Il-UHM Tikseb Kondizzjonijiet ta' Xogħol Ġodda għall-Ħaddiema tal-Kunsilli Lokali'.

2.24 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari LESC 1/2008 mingħand is-Sur Louis Cuschieri, President, Kumitat dwar is-Sistema ta' l-Infurzar Lokali (LESC) rigward in-nuqqas ta' bżonn li tintbagħat it-taħrika biex wieħed jidher quddiem it-Tribunal Lokali meta jkollu petizzjoni għadha pendenti. Huwa għamel referenza għal Avviż Legali nru. 414 ta' l-2005 (kif emendat bl-Avviż Legali 144/2007) u ħabbar li l-Kumitat LESC qed jagħti direttiva sabiex ma jinħarġux aktar dawn it-taħrikiet u l-pubbliku ser ikun mgħarraf b' dan.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand ir-Rettur tal-Knisja tax-Xlendi. Huwa qed jilmenta dwar il-ħofor fit-triq tax-Xlendi kif ukoll dwar ilma maħmuġ li qed jisbokka mill-Wied tax-Xlendi għal ġot-triq. Dwar dawn l-ilmenti l-Kunsill kien diġa' qed jieħu azzjoni. Ir-Rettur talab ukoll sabiex jitranġa d-dawl ta' fuq iz-zuntier. Huwa qed jitlob sabiex iż-żewġ fanali ta' fuq iz-zuntier jiġu eliminati u jsiru żewġ fanali mal-faċċata tal-Knisja. Qed jitlob ukoll sabiex it-taraġ li jagħti għaz-zuntier jiġi mdawwal. Kien hemm qbil dwar dan.

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Georgine Grech rigward il-kawża Vella Anthony vs Malta Tourism Authority et. Hija infurmat lill-Kunsill li l-atturi f' din il-kawża pproponew li l-kawża jċeduha u dwar l-ispejjeż jiġi miftiehem li dawn jibqgħu bla taxxa. Dan ifisser li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha tal-kawża. Il-Kunsill kien ħallas €414.63 *(Lm178.00)* u għaldaqstant il-Kunsill jixtieq li jirkupra dak l-ammont li ġie mħallas peress li l-Kunsill ma joħroġx permessi lill-stabbilimenti ta' *catering*.

3.03 Il-Kunsill irċieva kopja ta' l-*e-mail* li l-Avukat Mario Scerri bagħat lill-Kummissjoni tad-Data Protection rigward il-*Web Cam* tal-Kunsill. L-Avukat Scerri qed jiċħad li l-*Web Cam* qed tikser il-liġi tad-Data Protection.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 02/08(26_02_08).

**5.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

5.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-bankina ta' Triq il-Puniċi tlestiet u l-fanal tal-*Parking* tax-Xlendi tlesta. Bħalissa qed jitkompla x-xogħol fuq il-bankina ta' Triq il-Madonna tal-Karmnu, Munxar. Peress li kienet saret trinka minn Kuntrattur imqabbad mill-Enemalta Corporation, il-Kunsill talab lill-Kuntrattur ipoġġi pajp biex issir bokka li tilqa' l-ilma tat-triq.

**6.00 Il-Proġett tal-*Playing Field.***

6.01 Bħalissa x-xogħol fuq il-*Playing Field* jinsab wieqaf peress li qed issir it-trinka mill-Enemalta Corporation biex jgħaddi *cable* tad-dawl.

6.02 Fil-laqgħa kien hawn il-Perit Saliba peress li kienu għadhom kemm infetħu żewġt kwotazzjonijiet sabiex jinbena ħajt fil-*Playing Field* biex jilqa' t-Triq Santa Dminka.

Il-kwotazzjonijiet kienu dawn:

Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. €5469.75 *(Lm2348.16)*.
William Xuereb €7331.05 *(Lm3147.22)*.

Peress li l-istima ta' Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. kienet taqbeż is-somma ta' €4658.75 *(Lm2000.00)*, il-Kunsill talbu jekk huwiex possibbli li x-xogħol jinħadem b' anqas minn €4658.75 *(Lm2000.00)*. Huwa aċċetta.

**7.00 Rapport tas-Sindku.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li r-*road hump* li kienet twaħħlet fi Triq Dun Spir Gauci, inqalet peress li residenta ta' din it-triq ilmentat li qed tkun ta' inkonvenjent. Issa ser isir tentattiv biex titwaħħal aktar 'l isfel, iżda qabel ser jiġu infurmati r-residenti.

7.02 Is-Sindku kien iltaqa' ma' l-Inġinier Renzo Curmi dwar id-dwal fix-Xlendi sabiex ikun jista' jippreżenta r-rapport lill-Kunsill. Saru provi ta' dwal max-Xtajta tax-Xlendi biex ikunu jistgħu jinqalgħu l-arbli u d-dawl isir minn taħt il-bankijiet. Ser issir sistema fejn meta jkun hemm xi ħsarat f' xi lampa din tintefa dik il-lampa u mhux jintfew il-lampi kollha.

7.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda seminar organizzat mill-Malta Tourism Authority dwar European Destination of Excellence 2008, seminar ieħor organizzat mill-Euro-Mediterranean Centre on Insular Coastal Dynamics dwar Beach Management u laqgħa ma' Uffiċjali tal-Pulizija.

**8.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien ikkuntatja lis-Sur Joseph J Gerada li huwa l-Projects Coordinator – Environmental Initiatives in Partnership Programme fi ħdan il-MEPA. Huwa wera interess dwar il-Proġett tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi u fit-22 ta' Frar 2008 kien ġie biex jara l-post. Huwa baqa' impressjonat bil-proġett u indika li l-MEPA tista' tagħti għajnuna sa €116,000 *(Lm49798.80)*. Ser jintalbu kwotazzjonijiet għal xogħlijiet u wara li jiġu ċċertifikati mill-Perit dawn ix-xogħlijiet jitħallsu direttament mill-MEPA.

**9.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

9.01 Is-Sur Patrick Grima staqsa dwar dawk il-Fondi tal-Urban Improvement Fund tal-MEPA. Huwa ġie infurmat li l-Kunsill qed jistenna ċ-*cheque* ta' €11,227 *(Lm4819.75)* dwar il-proġett ta' Pavimentar li sar fi Triq ix-Xatt. Rigward is-€17,000 *(Lm7298.10)* li huma approvati li jingħataw għall-Munxar, dan ser isir hekk kif il-*minor amendment* għall-*Playing Field* tiġi approvata.

9.02 Is-Sur Saviour Spiteri talab lill-Kunsill sabiex tiżdied bozza fit-taraġ li jagħti għal residenza. Ġie deċiż li ma huwiex possibbli li din il-bozza ssir.

Is-Sur Saviour Spiteri staqsa wkoll dwar il-passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi peress li kien hemm pjanijiet li dan jinkesa mill-ġdid bil-*concrete*. Is-Sindku informa lill-Kunsill li dan ix-xogħol qed inkluż fil-programm ta' xogħlijiet għax-Xlendi.

**10.00 Materji oħra.**

10.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret talba mingħand familja li toqgħod fil-*farmhouse* ta' Triq Żgħawri sabiex issir mera quddiem l-entratura. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu 2008, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***